Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sat-Tlieta, 8 ta' April, 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by Tuesday, 8th April, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn is-7.30 ta' filgħodu u nofsinhar, jew billi permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

Further information may be obtained by telephone number 2556 4134 from 7.30 a.m. to noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru ta' Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis Number*	Lokalità ta' tneħħija *Locality of removal*
Volkswagen	Polo	Griż	BDA568	San Pawl il-Baħar
Mercedes	Sprinter	Abjad	KBV878	Il-Furjana
Landrover	Freelander	Iswed	XXL005	Ħal Tarxien
Audi	TT	Griż	KBL503	Birkirkara
Hyundai	Getz	Iswed	THE012	Tal-Pietà
Toyota	Funcargo	Ikħal	HBH151	Iż-Żejtun
Chevrolete	Captiva	Iswed	HBM665	In-Naxxar
Peugeot	Tweet	Abjad	ACA501	L-Imġarr
Mazda	Demio	Abjad	ERC052	Pembroke
Peugeot	Boxer	Ikħal	FX767SJ	Il-Marsa
Toyota	Vitz	Ikħal	BCT736	Il-Marsa
Citroen	C3	Ikħal	JBV486	Il-Marsa
Landrover	Discovery	Ikħal	FBU245	Ir-Rabat
Toyota	Corolla	Griż	CLY346	Ħaż-Żabbar
Toyota	Corolla	Griż	CLY366	Ħaż-Żabbar
Toyota	Corolla	Griż	HLY252	Ħaż-Żabbar
Toyota	Corolla	Griż	KLY248	Ħaż-Żabbar
Toyota	Vitz	Griż	JCE471	Ħal Għaxaq
Isuzu	NKR	Abjad	LCR832	Birżebbuġia
Fiat	Bravo	Iswed	VNS678	Is-Swieqi
Nissan	Leaf	Griż	DLY394	Ħal Qormi
Peugeot	307	Griż	CCB038	L-Imsida
Ford	Focus	Ikħal	GC824YR	Marsaskala
N/A	Caravan (trailer)	Abjad	N/A	Ħaż-Żabbar
Renault	Clio	Griż	N/A	Ħaż-Żabbar
Peugeot	3008	Ikħal	SIGNOLA	In-Naxxar
Toyota	Vitz	Griż	GCB107	Il-Furjana

L-1 ta' April, 2025

1st April, 2025

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi nhar il-Ħadd, 11 ta' Mejju, 2025, Triq il-Knisja mill-parti ta' ħdejn Triq il-Viżitazzjoni sa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna se tkun magħluqa mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m., u parkeġġ mhuwiex permess. Se jkun hemm devjazzjoni minn Triq il-Viżitazzjoni, Triq Felic Grech, u Triq Dun Alwiġ Mizzi għal żoni wara

GĦARB LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Għarb Local Council notifies that on Sunday, 11th May, 2025, Triq il-Knisja from the part near Triq il-Viżitazzjoni up to Pjazza taż-Żjara tal-Madonna will be closed from 9.00 a.m. to 2.00 p.m. and no parking is allowed. There will be diversion through Triq il-Viżitazzjoni, Triq Felic Grech, and Triq Dun Alwiġ Mizzi to areas behind the

l-knisja. Parkeġġ fi Triq Dun Alwiġ Mizzi mhux se jkun permess, skont it-tabelli li se jkun hemm fuq il-post.

Traffiku miexi lejn ir-Rabat minn wara l-knisja se jkun devjat lejn Triq Trux, Triq l-Isqof M. Molina, u Triq Tas-Sdieri.

L-1 ta' April, 2025

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

NDR 03/2025 (L-Ewwel Sejħa)

L-iskola primarja tal-Kulleġġ ta' Għawdex Dun Salv Vella, in-Nadur, tgħarraf li kwotazzjonijiet immarkati u ssiġillat f'envelop għandhom jaslu għand l-iskola primarja tal-Kulleġġ ta' Għawdex Dun Salv Vella, Triq it-Tiġrija, In-Nadur NDR 9013, għal:

Żewġ (2) flip over drying racks għall-klassi tal-arti.

Is-sistema tat-tnixxif għandu jkollha żewġ racks separati.

Għandha żżomm minimu ta' 16-il stampa għat-tnixxif fl-istess ħin.

Dimensjonijiet għandhom ikunu 60cm (tul) u 125cm (wiesa').

Is-sistema għandha tkun foldable type.

Kwotazzjonjiet għandhom jiġu sottomessi bl-idejn fl-uffiċċju tal-iskrivan f'envelop issiġillat (in-numru tal-kwotazzjoni għandha tinkiteb fuq l-envelop: NDR 03/25); jew jinbagħtu bil-posta indirizzati lill-Head, l-Iskola Primarja tal-Kulleġġ ta' Għawdex Dun Salv Vella, Triq it-Tiġrija, In-Nadur, sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 22 ta' April, 2025, sa nofsinhar.

Kwotazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin imsemmija ma jiġux ikkunsidrati.

Kwotazzjonijiet li jaslu permezz ta' ittra elettronika mhux se jkunu kkunsidrati.

Min hu interessat jista' jattendi għall-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

L-iskola tirriserva d-dritt li tirrifjuta l-aktar offerta rħisa.

L-1 ta' April, 2025

church. No parking will be allowed in Triq Dun Alwiġ Mizzi, as indicated on the signs on-site.

Traffic going towards Victoria from behind the church will be diverted to Triq Trux, Triq l-Isqof M. Molina, and Triq Tas-Sdieri.

1st April, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

NDR 03/25 (First Call)

The Gozo College Dun Salv Vella Nadur Primary notifies that marked offers will be received in a sealed envelope at Gozo College Dun Salv Vella Nadur Primary, Triq it-Tiġrija, Nadur NDR 9013, for:

Two (2) flip over drying racks for the art class.

The drying system should contain 2 separate racks.

It must hold a minimum of 16 pictures for simultaneous drying

Dimensions should be about 60cm (height) and 125cm (width).

The system must be of the foldable type.

Quotations can be submitted by hand at the clerk's office in a sealed envelope (quotation number is to be written on the envelope: NDR 03/25); or can be sent by post addressed to The Head, Gozo College Dun Salv Vella Primary School, Triq it-Tiġrija, Nadur NDR 9013, by not later than Tuesday, 22nd April, 2025, till noon.

Quotations received after the said date and time shall not be taken into consideration.

Quotations received by email will not be considered.

Interested parties may attend and witness the opening and scheduling of the offers received on the appointed date and time.

The school reserves the right to reject the cheapest offer.

1st April, 2025

KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI
PARLAMENT TA' MALTA

Sejħa għall-offerti għas-Servizzi ta' Trasport

1. Skop, Termini u Kundizzjonijiet

Il-Parlament ta' Malta se jkun qed jospita attività relatata mal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ewropa nhar il-Ħamis, 22 ta' Mejju, 2025 u l-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, 2025.

L-iskop ta' din is-sejħa hija għall-provvediment ta' vetturi tat-tip 'executive' għal servizzi ta' trasport għad-delegati li se jkunu qed jattendu dawn il-laqgħat u avvenimenti relatati. Huma mistenni li madwar 120 delegat se jkun qed jattendi dawn l-avvenimenti.

2. Servizzi ta' Trasport – Vetturi tat-tip 'executive' għal madwar 120 delegat

Dan l-Uffiċċju jeħtieġ li vetturi tat-tip 'executive' jittrasportaw lid-delegati mil-lukandi rispettivi tagħhom għall-postijiet tal-laqgħat u tal-avvenimenti fit-22 u t-23 ta' Mejju. Id-delegati jistgħu jivvjaġġjaw flimkien bħala grupp fl-istess vettura(i) executive.

Il-vetturi 'executive' għandhom ikunu disponibbli l-ġurnata kollha matul il-jiem imsemmija. Id-delegati huma mistennija li jkunu residenti fil-lukandi li ġejjin:

Salini Resort, San Pawl il-Baħar (f'din il-lukanda mistennija joqogħdu madwar 20 delegat)

AX Victoria Hotel, Tas-Sliema (f'din il-lukanda mistennija joqogħdu madwar 60 delegat)

Waterfront Hotel, Tas-Sliema (f'din il-lukanda mistennija joqogħdu madwar 30 delegat)

Grand Hotel Excelsior, il-Furjana (f'din il-lukanda mistennija joqogħdu madwar 10 delegati)

In-numru ta' delegati li huma mistennija joqogħdu fil-lukandi msemmija hawn fuq jista' jinbidel. F'każ ta' xi tibdil, dan l-Uffiċċju se jkun qed jinforma lill-offerent.

3. Servizzi ta' Trasport – vetturi 'executive' għal 2 delegazzjonijiet

Dan l-Uffiċċju jeħtieġ vetturi 'executive' biex jittrasportaw id-delegati u l-persunal li se jkun qed jakkumpanjahom mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta għall-akkomodazzjonijiet tagħhom u lura. Barra minn hekk, se jkun meħtieġ ukoll, trasport mil-lukandi għall-postijiet tal-laqgħat u tal-avvenimenti fit-22 u t-23 ta' Mejju.

HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA

Call for Quotations for Transportation Services

1. Scope and Terms and Conditions

The House of Representatives, Parliament of Malta, will host events in connection with the Presidency of the Council of Europe on Thursday, 22nd May, 2025 and Friday, 23rd May, 2025.

The purpose of this call is to request the provision of executive vehicles for transportation services for delegates attending the meetings and events. Approximately 120 delegates are expected to attend.

2. Transportation Services – executive vehicles for approximately 120 delegates

This Office requires executive vehicles to transport delegates from their hotels to the meeting and event venues on 22nd and 23rd May. Delegates may travel together as a group in the same executive vehicle(s).

The executive vehicles are to be available throughout the mentioned days. Delegates shall be residing at the following hotels:

Salini Resort, St Paul's Bay (approximately 20 delegates are expected to stay at this hotel)

AX Victoria Hotel, Tas-Sliema (approximately 60 delegates are expected to stay at this hotel)

Waterfront Hotel, Tas-Sliema (approximately 30 delegates are expected to stay at this hotel)

Grand Hotel Excelsior, Floriana (approximately 10 delegates are expected to stay at this hotel)

The number of delegates staying at the mentioned hotels may change. This Office will inform the awarded bidder accordingly.

3. Transportation Services – executive vehicles for 2 delegations

This Office requires executive cars to transport delegates and their accompanying personnel from Malta International Airport to their accommodations and back. Additionally, transportation will be needed from the hotels to the meeting and event venues on 22nd and 23rd May.

Huwa importanti li d-delegati u l-persunal tagħhom jiġu ttrasportati separatament. Dan l-Uffiċċju għadu qed jistenna aktar informazzjoni, inkluż id-dati u l-ħinijiet eżatti tal-wasla u tat-tluq, kif ukoll konferma tad-dettalji tal-akkomodazzjoni.

Madankollu, dan l-Uffiċċju qed jantiċipa li ż-żewġ delegazzjonijiet se jaslu u jitilqu minn Malta bejn il-21 u l-24 ta' Mejju, bl-akkomodazzjonijiet mistennija li tkun ukoll fil-lukandi msemmija fuq.

Il-vetturi 'executive' għandhom ikunu disponibbli l-ġurnata kollha matul il-jiem imsemmija.

3. Dettalji ta' pickup u drop-off

Mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta – sal-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana)

Mill-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana) – sal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta

Mill-Grand Hotel Excelsior – sal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta (il-Belt Valletta)

Mis-Salini Resort (San Pawl il-Baħar) – sal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta (il-Belt Valletta)

Mill-AX Victoria Hotel (Tas-Sliema) – sal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta (il-Belt Valletta)

Mill-Waterfront Hotel (Tas-Sliema) – sal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta (il-Belt Valletta)

Mill-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta (il-Belt Valletta) – sal-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana)

Mill-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana) – sal-Imdina

Mis-Salini Resort (San Pawl il-Baħar) – sal-Imdina

Mill-AX Victoria Hotel (Tas-Sliema) – sal-Imdina

Mill-Waterfront Hotel (Tas-Sliema) – sal-Imdina

Mill-Imdina – sal-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana)

Mill-Imdina – sas-Salini Resort (San Pawl il-Baħar)

Mill-Imdina – sal-AX Victoria Hotel (Tas-Sliema)

Mill-Imdina – sal-Waterfront Hotel (Tas-Sliema)

Mis-Salini Resort (San Pawl il-Baħar) – sal-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana)

It is important that the delegates and their teams are transported separately. We are still awaiting more information, including the exact arrival and departure dates and times, as well as confirmation of accommodation details.

However, we anticipate that both delegations will arrive and depart between 21st and 24th May, with accommodations expected to be at the specified hotels.

The executive cars are to be available throughout these dates.

3. Pickup and drop-off details

Malta International Airport – Grand Hotel Excelsior (Floriana)

Grand Hotel Excelsior (Floriana) – Malta International Airport

Grand Hotel Excelsior – House of Representatives, Parliament of Malta (Valletta)

Salini Resort (St Paul's Bay) – House of Representatives, Parliament of Malta (Valletta)

AX Victoria Hotel (Tas-Sliema) – House of Representatives, Parliament of Malta Valletta)

Waterfront Hotel (Tas-Sliema) – House of Representatives, Parliament of Malta (Valletta)

House of Representatives, Parliament of Malta (Valletta) - Grand Hotel Excelsior (Floriana)

Grand Hotel Excelsior (Floriana) – Mdina

Salini Resort (St Paul's Bay) – Mdina

AX Victoria Hotel (Tas-Sliema) – Mdina

Waterfront Hotel (Tas-Sliema) – Mdina

Mdina – Grand Hotel Excelsior (Floriana)

Mdina – Salini Resort (St Paul's Bay)

Mdina – AX Victoria Hotel (Tas-Sliema)

Mdina – Waterfront Hotel (Tas-Sliema)

Salini Resort (St Paul's Bay) – Grand Hotel Excelsior (Floriana)

Mill-AX Victoria Hotel (Tas-Sliema) – sal-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana)

Mill-Waterfront Hotel (Tas-Sliema) – sal-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana)

Mill-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana) – sas-Salini Resort (San Pawl il-Baħar)

Mill-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana) – sal-AX Victoria Hotel (Tas-Sliema)

Mill-Grand Hotel Excelsior (il-Furjana) – sal-Waterfront Hotel (Tas-Sliema)

4. Informazzjoni oħra

Il-persunal kollu jrid ikun liebes ilbies formali.

Il-ħinijiet se jkunu qed jiġu kkonfermati aktar 'il quddiem.

Il-vetturi 'executive' kollha għandhom ikunu disponibbli matul il-ġurnata kollha u fid-dati msemmija hawn fuq.

L-informazzjoni pprovduta hawn fuq tista' tinbidel.

L-offerti għandhom jinkludu r-rati ta' ġranet sħaħ (mid-9.00 a.m. sal-10.30 p.m.).

L-offerenti għandhom jibagħtu ritratti tal-vetturi tat-tip 'executive'.

L-offerti għandhom jinkludu l-prezz totali inkluża l-VAT

5. Sottomissjoni tal-Offerti

L-offerti għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz (dcs.parlament@parlament.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (12.00 p.m.) tal-Ġimgħa, 11 ta' April, 2025.

Meta persuna tissottometti l-offerta, tkun qed tikkonferma li ma taqax taħt l-ebda esklużjoni ta' raġunijiet ta' blacklisting.

L-organizzaturi jirriżervaw id-dritt li jemendaw is-servizzi mitluba hawn fuq, b'konsultazzjoni mal-offerent magħżul.

L-1 ta' April, 2025

AX Victoria Hotel (Tas-Sliema) – Grand Hotel Excelsior (Floriana)

Waterfront Hotel (Tas-Sliema) – Grand Hotel Excelsior (Floriana)

Grand Hotel Excelsior (Floriana) – Salini Resort (St Paul's Bay)

Grand Hotel Excelsior (Floriana) – AX Victoria Hotel (Tas-Sliema)

Grand Hotel Excelsior (Floriana) – Waterfront Hotel (Tas-Sliema)

4. Other information

All personnel must be dressed in a formal attire.

Timings will be confirmed closer to date.

All executive vehicles are to be available throughout the mentioned dates.

The information provided above may be subject to changes.

Quotations should include full days rates (from 9.00 a.m. to 10.30 p.m.).

Bidders are to send images of the executive vehicles.

Quotations should include the total price inclusive of VAT.

5. Submission of Quotations

Quotations are to be submitted electronically to (dcs.parlament@parlament.mt) by not later than noon (12.00 p.m.) of Friday, 11th April, 2025.

By submitting the offer, a person is confirming that he/she does not fall under any exclusion of blacklisting grounds.

The organisers reserve the right to amend the services requested above, in consultation with the selected bidder.

1st April, 2025

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li l-Federazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Persuni b'Diżabbiltà (MFOPD) qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal kwotazzjonijiet

Referenza tal-Proġett VOPS A3.01.2025

L-MFOPD teħtieġ is-servizz ta' Riċerkatur/Kumpanija ta' Riċerka bħala parti mill-VOPS A3.01.2025 'Xejn Dwarna Minghajrna'.

Dawk interessati huma mistednin jibgħatu ittra elettronika għall-ispeċifikazzjoni lil (info@mfopd.org)

Is-sejħa tagħlaq nhar l-Erbgħa, 16 ta' April, 2025

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inkluzjoni u l-Volontarjat.

Il-1 ta' April, 2025

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 25 ta' April, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-3334/25. Provvista ta' 'skin prick test solutions/ suspensions (individual allergen extracts)'
CFT 020-3335/25. Provvista ta' 'one-piece closed stoma pouch with 40mm starter hole'
CFT 021-3336/25. Provvista ta' Bupivacaine and Glucose injections
CFT 013-3337/25. Provvista ta' adult patient identification bracelets għall-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva
CFT 020-3338/25. Provvista ta' 'one-piece closed stoma pouch 20-70mm cutting'

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 7 ta' Mejju, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 038-9000/25. Konċessjoni għall-provvista ta' vending machines għall-Vincent Moran Regional Health Care Hub, Paola, Malta

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that the Malta Federation of Organisations Persons with Disability (MFOPD) is requesting the call for quotations.

Project Reference VOPS A3.01.2025

MFOPD needs the service of a Researcher/Research Company, as part of the VOPS A3.01.2025 'Nothing About Us Without Us'.

Prospective bidders are invited to send an email for specifications on (info@mfopd.org)

Deadline for submissions is Wednesday, 16th April, 2025

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

1st April, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 25th April, 2025, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the:

CFT 021-3334/25. Supply of 'skin prick test solutions/ suspensions (individual allergen extracts)
CFT 020-3335/25. Supply of one-piece closed stoma pouch with 40mm starter hole
CFT 021-3336/25. Supply of Bupivacaine and Glucose injections
CFT 013-3337/25. Supply of adult patient identification bracelets for the Ministry of Health and Active Ageing
CFT 020-3338/25. Supply of 'one-piece closed stoma pouch 20-70mm cutting'

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. of Wednesday, 7th May, 2025, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the:

CFT 038-9000/25. Concession for the provision of vending machines at the Vincent Moran Regional Health Care Hub, Paola, Malta

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

L-1 ta' April, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 2 ta' April, 2025.

ERU2703U25 – Devices
ERU2703U25 – Medicinal
ERU2703U25A – Medicinal
ERU2703U25B – Medicinal
ERU2703U25C – Medicinal
ERU2703U25D – Medicinal
ERU2703U25E – Devices
ERU2703U25F – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-1 ta' April, 2025

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, permezz tal-ePPS, sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' April, 2025, għal:

Avviż Nru SPB T/01/2025. Servizz ta' provvediment ta' servizzi professjonali ta' contracts manager – il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

1st April, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 2nd April, 2025.

ERU2703U25 – Devices
ERU2703U25 – Medicinal
ERU2703U25A – Medicinal
ERU2703U25B – Medicinal
ERU2703U25C – Medicinal
ERU2703U25D – Medicinal
ERU2703U25E – Devices
ERU2703U25F – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

1st April, 2025

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that:

Tenders will be received at the San Pawl il-Baħar Local Council through ePPS, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 22nd April, 2025, for:

Advt No. SPB T/01/2025. Service tender for the provision of professional services of a contracts manager – San Pawl il-Baħar local council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-1 ta' April, 2025

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Fgura sal-11.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' April, 2025, għal:

Avviż Nru PG/25/6. Xogħlijiet – Triq is-Sur Pocket Garden, il-Fgura, b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l ambjent.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

L-1 ta' April, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2025, għal:

Avviż Nru GHLC/T/02/2025. Xiri ta' vann nine seater li jaħdem bl-elettriku u mingħajr emissjonijiet lill-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-1 ta' April, 2025

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

1st April, 2025

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Fgura Local Council up to 11.30 a.m. on Tuesday, 29th April, 2025, for:

Advt No. PG/25/6. Works – Triq is-Sur Pocket Garden, Fgura, in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-procurement website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the Quotation documents will be uploaded and available to view and download from this same website.

1st April, 2025

ĦAL GĦAXAQ LOCAL COUNCIL

The Ħal Għaxaq Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Għaxaq Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. of Friday, 9th May, 2025, for:

Advt No. GHLC/T /02/2025. Purchase of a fully electric, zero emission, nine seater van to the Ħal Għaxaq Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

1st April, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

798

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fit-3 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-rikors numru 116/2024AC, fl-atti tal-kawża Pjan ta' Permanenza Alternattiv P. A. ordnat is-

By means of a decree of the 3rd March, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 116/2024AC in the acts of the application Alternative

segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Charmaine Agius u Charles Agius a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota tal-Bord tar-Revizjoni għall-Ħarsien tat-Tfal fl-atti tal-kawża numru 116/2024AC ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fit-8 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrenti Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal ippreżenta r-rakkomandazjonijiet tiegħu wara d-deċiżjonijiet li ttieħdu minnu fl-24 ta' April, fis-17 ta' Ġunju u t-3 ta' Settembru, 2024, annessi u mmarkati bħala Dok. A1, Dok. A2 u Dok. A3 skont l-artikolu 33(7) u l-artikolu 23(3) proviso għall-pjan ta' permanenza alternattiv li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. E u dan sabiex jingħata digriet minn din l-Onorabbli Qorti fejn jiġi ordnat illi dan il-pjan ta' permanenza alternattiv huwa fl-aħjar interess tal-minuri.

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Ottubru, 2024, il-Qorti wara li rat id-dokument esibiti u jirriżulta mid-dokumentazzjoni annessa kif ukoll mill-Pjan ta' Permanenza ma jirriżultax x'qiegħed jiġi rakkomandat kwantu għall-kura u l-kustodja tal-minuri u r-residenza tagħha.

Għalhekk, il-Qorti tordna li jkun hemm informazzjoni fuq il-kura u l-kustodja tal-minuri fis-sens li minn qed jiġi rrakkomandat li jkun vestit b'tali kura u kustodja min se jingħata l-awtorizzazzjoni medika, edukattiva u psikoloġika u fejn se tirrisjedi l-istess minuri.

Tirriserva li tipprovdi ulterjorment wara li tiġi preżentata l-informazzjoni relattiva u l-Pjan ta' Permanenza bid-dettall.

Tordna notifika ta' dan id-digriet.

Esponenti: Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri, 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera

Notifika: Charmaine Agius, 36, Chalchar, Flt 2, Triq Nuzzo, Il-Ħamrun
Charles Agius, 36, Chalchar, Flat 2, Triq Nuzzo, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Marzu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Permanency Plan P. A., the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Charmaine Agius and Charles Agius in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the names The Minors Care Review Board filed in the Juvenile Court, on the 8th October, 2024, in the acts of the Application Number 116/2024AC, the applicant the Minors Care Review Board filed its recommendations on the decision it has taken on the 24th April, on the 17th June and 3rd September, 2024, attached and marked as Doc. A1, Doc. A2 and Doc. A3 and this according to Article 33(7) and Article 23(3) proviso for the alternative permanency plan that is being here attached and marked as Doc. E, so that a decree by this Honourable Court will be given to order that the alternative permanency plan is in the best interest of the minor.

By means of a decree given on the 17th October, 2024, the Court after seeing the documents exhibited and resulting from the attached documentation as well as from the permanence Plan does not result what is being recommended as regards the care and custody of the minor and her residence.

Thus, the Court orders that there be information on the care and custody of the minor in the sense that whoever is being recommended to be vested with such care and custody from whom the medical, educational and psychologic authorisation shall be given and where the same minor shall reside.

Reserves to provide further after presentation of the relative information and permanence Plan in detail.

Orders the service of this decree.

Applicant: The Minors Care Review Board, 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera

Notification: Charmaine Agius, 36, Chalchar, Flt 2, Triq Nuzzo, Ħamrun
Charles Agius, 36, Chalchar, Flat 2, Triq Nuzzo, Ħamrun

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 27th March, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

799

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-5 ta' Marzu, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 5th March, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Falcotrans Limited (C8284) ta' 26, Triq l-Għassara tal-Għeneb, Il-Marsa MRS 1932, ippreżentat talba fis-27 ta' Novembru, 2024, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Giuseppe Napolitano (KI 0119118A) ta' Fl. 5, Rose Apartments, Triq Santa Marija, L-Imġarr, sabiex iħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €8,365.48, liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviż numru 267/2024JG) fl-ismijiet Falcotrans Limited vs Giuseppe Napolitano tinsab differita għall-15 ta' April, 2025, fl-10.35 a.m.

Notifika: Giuseppe Napolitano (KI 0119118A) ta' Fl. 5, Rose Apartments, Triq Santa Marija, L-Imġarr

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Marzu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Falcotrans Limited (C 8284) of 26, Triq l-Għassara tal-Għeneb, Marsa, MRS 1932, filed a Claim on the 27th November, 2024, whereby she asked the Court to condemn Giuseppe Napolitano (ID 0119118A) of Fl. 5, Rose Apartments, Triq Santa Marija, Mġarr, to pay the plaintiff company the sum of €8,365.48, which amount is due to the plaintiff company

With costs and legal interests.

The case (Notice number 267/2024JG) in the names Falcotrans Limited vs Giuseppe Napolitano is deferred for hearing for the 15th April, 2025, at 10.35 a.m.

Notification: Giuseppe Napolitano (ID 0119118A) of Fl. 5, Rose Apartments, Triq Santa Marija, Mġarr

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th March, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

800

Illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, tal-10 ta' Marzu, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Nassim Slimain (MT 7772058 Passport H817109) ta' 19, Reu Jean Pistre Corbeil – Essonnes France, ippreżenta Talba, fil-11 ta' Ottubru, 2024, fejn talba lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil MX Institute for Higher Education Ltd (C86281) ta' 183, Triq il-Bażilika, Il-Mosta MST 3292, u/jew 152, Triq il-Kappillan Mifsud kantuniera ma' Triq Villambrosa, Il-Ħamrun, sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' €5275, liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawża (CCT numru 171/2024) hija differita għat-12 ta' Mejju, 2025, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Marzu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Consumer Claims Tribunal of 10th March, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Nassim Slimain (MT 7772058 Passport H817109) of 19, Reu Jean Piestre Corbeil – Essonnes France, filed a Claim on the 11th October, 2024, whereby she asked the Tribunal to condemn MX Institute for Higher Education Ltd (C86281) of 183, Triq il-Bażilika, Mosta MST 3292, and/or 152, Triq il-Kappillan Mifsud corner with Triq Villambrosa, Ħamrun, to pay the plaintiff the sum of €5275, which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT number 171/2024) is deferred on the 12th May, 2025, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th March, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

801

ARB/C033/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Marzu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala

ARB/C033/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th March, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a

Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Leonard Caruana LLD). Kumpilazzjoni Numru 407/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ANDRÈ DAMATO, direttur, ta' 38 sena, iben Carmelo Damato u Rita Damato xebbá Camilleri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-17 ta' Frar, 1987, u residenti fi 30, 'Ortensia', Triq il-Papa Piju XII, Il-Mosta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 101787M.

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fl-14 ta' May, 2024, kontra l-imputat ANDRÈ DAMATO qed tiġi limitata għas-somma ta' erbgħa u sittin elf ewro (€64,000), liema somma għandha tinżamm maqbuda fil-kont bankarju intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -3576 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc, bħala l-assi li għandhom ikunu suġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputat ma għandhiex titqies bħala li tkun suġġetta għall-ordni ta' qbid u ffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LLD) fl-14 ta' Mejju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta' Mejju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ANDRÈ DAMATO.

Illum 26 ta' Marzu, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana LLD). Compilation Number 407/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ANDRÈ DAMATO, director, 38 years, son of Carmelo Damato and Rita Damato née Camilleri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 17th February, 1987, and residing at 30, 'Ortensia', Triq il-Papa Piju XII, Mosta, and holder of Maltese identity card bearing number 101787M.

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on the 14th May, 2024, against the accused ANDRÈ DAMATO is being limited to the sum of sixty four thousand euro (€64,000), which sum is held in the bank account registered in the name of the accused ending in -3576 and which is held at the Bank of Valletta plc as the assets that shall be subject to confiscation in the case of conviction. That the other property of the accused shall not be considered to the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD) on the 14th May, 2024, which was published in the Government Gazette on the 21st May, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ANDRÈ DAMATO.

Today 26th March, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

802

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fl-10 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-rikors numru 11/2025AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Chantelle Agyapong et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Christian Gatt a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors numru 11/2025AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Chantelle Agyapong, James Agyapong u Christian Gatt (KI 321780M) ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fis-7 ta' Frar, 2025, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

By means of a decree of the 10th March, 2024, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 11/2025AC, in the names Directorate for Child Protection within the Foundation for Social Welfare Services vs Chantelle Agyapong et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Christian Gatt in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application number 11/2025AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Chantelle Agyapong, James Agyapong and Christian Gatt (ID 321780M) filed in the Juvenile Court, on the 7th February, 2025, the applicant Directorate for Child Protection requested this Honourable Court such that:

1. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), tawtorizza li l-minuri jirrisjedi ġewwa residenza liċenzjata u approvata mill-awtorità rispettiva u d-Direttur esponenti fejn il-passaport tal-minuri għandhom jigu rilaxxati lill-istess Direttorat;

2. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), tafda l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li jkollu s-setgħa illi jiddelga l-awtorità illi jkunu amministrati deċiżjonijiet rigwardanti l-edukazzjoni u trattamenti mediċi, terapewtiċi u psikjatriċi lil persuna/i ta' fiduċja jew persuna/i li għandhom il-kompitu li jamministraw djar ta' kura alternattiva;

3. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), tawtorizza lill-ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u/jew id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) japplika u jagħmel dak kollu neċessarju mad-dipartmenti rispettivi inkluż dawk tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jekk ikun il-każ għall-applikazzjoni tal-passaport tal-minuri [omissis] mingħajr awtorizzazzjoni u/jew firma tal-omm;

4. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) , kwalunkwe kuntatt tal-minuri mal-omm, missier u Christian Gatt għandu jsir taħt superviżjoni li qed jiġi rakkomandat li jseħħ għal siegħa fil-ġimgħa u għandha tkun regolata mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fejn l-istess Direttorat ikollu l-fakultà illi wara li jeżamina l-benefiċċju għall-minuri minn tali aċċess, jawtorizza li jsir tali kuntatt fejn tali direttoat għandu jkollu wkoll l-awtorizzazjni li jiddetermina, anke pendente lite, il-metodologija ta' kuntatt u jamministra hu s-superviżjoni jew monitoraġġ, fejn id-Direttorat ikollu l-fakultà illi jieħu deċiżjonijiet li jnaqqas, jestendi, iżid, jissospendi jew jittermina l-aċċess jekk dan ikun ta' ħsara għal minuri;

5. Tappunta r-rikors odjern għas-smigħ ai termini tal-Artikolu18(5) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Tappunta avukat tat-tfal sabiex jipprovdi spjegazzjoni, jipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, jassisti u jippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Tilqa' r-rakkomandazzjonijiet, inkluż il-ħruġ tal-ordni għall-harsien, tad-Direttur ghad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal kif dedotti fir-rapport anness bhala Dok. X u tagħmilhom bħala parti integrali mid-deċiżjoni finali taghha;

8. F'każ li t-talbiet su esposti jiġu milqugħa, tordna li dawn l-atti flimkien mal-ordni ta' ħarsien jiġu notifikati lill-Bord ta' Reviżjoni sabiex l-istess kura tal-minuri tiġi riveduta regolarment, dan skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi;

1. Preliminarily and in terms of Article 18 (3), it authorises the minor to reside in a residence licensed and approved by the respective authority and the applicant Director whereby the passport of the minor should be released to the same Directorate;

2. Preliminarily and in terms of Article 18 (3), entrust the care and custody of the minors to the Director of the Alternative Care Directorate (Children and Youths) who has the power to delegate the authority to administer decisions regarding education and medical, therapeutic and psychiatric treatments to a person/s of a trust or person/s who has the task of administering alternative care homes;

3. That preliminarily and in terms of Article 18 (3), authorise the social worker within the Directorate for Child Protection and/or the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) to apply and do all that is necessary with the respective departments including those of the Ministry of Foreign Affairs if it is the case for the application of the passport of the minor [omissis] without the authorisation and/or signature of the mother;

4. That preliminarily and in terms of Article 18 (3), any contact of the minor with the mother, father and Christian Gatt should be made under supervision which is being recommended to take place for one hour a week and should be regulated by the Alternative Care Directorate (Children and Youths) where the same Directorate has the faculty that after examining the benefit to the minor from such access, authorise such contact where such direct shall also have the authority to determine, even pendente lite, the contact methodology and administer it is supervision or monitoring, where the Directorate has the option to take decisions reducing, extending, increasing, suspending or terminating access if this would be harmful to minors;

5. Appoints the said application for hearing in terms of Article 18(5) of Cap. 602 of the Laws of Malta.

6. It appoints a children's advocate to provide an explanation, provide any information to the minor, assist and present the views of the minor before this Honourable Court in terms of Article 25 of Cap. 602 of the Laws of Malta;

7. It endorses the recommendations, including the issuing of the protection order, of the Director for the Directorate for the Protection of children as delineated in the attached report as Doc. X and makes them an integral part of its final decision;

8. In case the above requests are upheld, it orders that these acts together with the protection order be notified to the review Board so that the same care of the minor be reviewed regularly, according to the provisions of law;

U dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż

Permezz ta' digriet tat-12 ta' Frar, 2025, fejn il-Qorti rat ir-rikors tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali datat is-7 ta' Frar li permezz tiegħu ddikjara li hu tal-fehma professjonali li l-minuri [omissis] għandhom jiġu protetti billi tinħareġ ordni ta' ħarsien ai termini tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

1. Tilqa' l-ewwel talba u ai termini tal-Artikolu 18(3) tawtorizza li l-minuri jkompli jirrisjedi ġewwa residenza liċenzjata u approvata mill-awtorità rispettiva u d-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali b'dan però li l-Qorti qed tordna li:

